MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2021

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2021 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

ASSENTI:
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv



N.G. S.Borg

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**32.1 Talba;**

32.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**32.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

32.2.1 Ma' kienx hemm ittri t'apoloġija minħabba l-fatt illi s-Sur Farrugia pprova jidħol kemm il-darba imma ma setax jieħu sehem fil-laqgħa. L-email li intbagħtet mis-Sur Carmel Farrugia, inbagħtet wara li bdiet il-laqgħa.

**32.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

32.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 31 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

32.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

32.3.3 Is-Sur Horace Micallef wieġeb li fis-sezzjoni 31.10.4 hu kien qal li ħafna mill-ħaddiema jkollhom il-ħin liberu nhar ta' Sibt għalhekk ikunu jistgħu jwettqu dan ix-xogħol. Fis-sezzjoni 31.10.8, hu qal li attenda għal din is-serata u mhux għal xi ħin. Hu qal ukoll li stenna li l-korrezzjonijiet tal-laqgħa ta' qabel jitniżżlu fil-minuti ta' dak inhar u mhux biss fil-minuti li għadhom kemm ġew approvati. Peress li kien bagħat email u anke ġibed l-attenzjoni waqt il-ħin tal-kunsiderazzjoni

Nh. S.Borg

32.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

32.4.1 Is-Sindku beda billi qal li attenda għaċ-ċerimonja ta' tqassim ta' kotba lill-Kunsilli Lokali Għawdxin mir-Reġjun Għawdex. Kull Kunsill Lokali



N.G. S.Borg

ingħata kotba valur ta' madwar €500. Din saret fil-lukanda *Grand Hotel,* Għajnsielem.

32.4.2 Is-Sindku informa li nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu 2021 ser issir il-Laqgħa Plenarja tar-Reġjun Għawdex u huma mistednin is-Sindki u l-Kunsilliera. Din ser issir fil-lukanda *Grand Hotel.* Huwa qal li ser jattendi.

32.4.3 Is-Sindku Saviour Borg qal li l-ittra li ntbagħtet rigward ħruq tan-nar tal-ajru fiż-żona magħrufa bħala tas-Saqwi lil Għaqda Għajn Tuta, Kerċem tat ir-riżultat. Hu qal li xi jiem qabel sar ħruq tal-ħaxix b'mod kontrollat peress li kien hemm preżenti *fire engine* li kkontrollat in-nirien b'hekk ġew imħarsa is-siġar tal-ħarrub u pjanti endemiċi. Hu informa fuq il-minuti tas-sena li għaddiet bi żvista ma' kienetx tniżżlet talba b'kundizzjonijiet simili u anke li kien hemm kunsillier li kien astjena minħabba kunflitt ta' interess. Dan kien il-kunsillier Carmel Farrugia.

32.4.4 Is-Sindku informa li sar ix-xogħol tal-*patching* mill-Kunsill Lokali fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili. Il-kont tal-uffiċċjali ta' Transport Malta ġie madwar €297.36, biex ingħalqu it-toroq.

32.4.5 Is-Sindku qal li twaħħlet it-tabella *Parking within the lines only,* kif ukoll it-tabella *Cul de Sac* li kienet inqalgħet max-xogħlijiet li saru mill-Ministeru għal Għawdex, fi Triq Għajn Tuta.

32.4.6 Is-Sindku Saviour Borg informa li nbidlu tlett *floodlights* tal-kampnar tal-Knisja Parrokkjali li ma kienux qed jaħdmu.

32.4.7 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li ntbagħtet ukoll ir-risposta tal-Kunsill għal-*Management Letter*.

32.4.8 Is-Sindku Saviour Borg informa li fit-12 ta' Lulju 2021 saret l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-fond 189/190 Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, kif kien ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, peress li kellha ssir applikazzjoni ġdida.

32.4.9 Is-Sindku Saviour Borg informa li sar il-qtugħ tal-qasab u l-pjanti ta' Żejt ir-Rieġnu fil-Wied tax-Xlendi fejn kien sar it-tindif u r-rijabilitazzjoni.



N.G. S.Borg

32.4.10 Is-Sindku ppropona biex il-fanal tan-niċċa tal-Għajn il-Kbira isir jixgħel bl-elettriku. Il-kurrent għandu jittieħed mill-*meter* li għandu l-Kunsill fi Pjazza l-Għejjun Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

32.4.11 Is-Sindku qal li kif sar is-sena li għaddiet fil-festa tas-Salvatur nhar is-6 ta' Awwissu li bi żvista ma' tniżżilx fil-minuti, jsir bukkett tal-fjuri quddiem in-niċċa storika tas-Salvatur li tinsab quddiem il-knisja parrokkjali. Kien hemm qbil.

## 32.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-Proġett ta' tisbieħ bil-porfido

32.5.1 Is-Sindku Saviour Borg informa li mill-aħħar laqgħa ppreżenta fil-Qorti l-ittra uffiċċjali lill-kumpanija *Little Rock Quarry Limited.* Din ġiet ippreżentata minnhu fil-Qorti fis-6 ta' Lulju 2021 u ntbagħtet bil-marixxal tal-Qorti. Hu qal li wara xi jiem x-xogħol issa qed ikompli. Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-kuntrattur bagħat korrispondenza biex issir laqgħa mar-residenti li għandhom il-garaxx quddiem iż-żona fejn għad trid tinqala, biex dawn jiġu nfurmati bix-xogħlijiet li ser isiru, dan wara li resident xi xhur ilu kien bagħat ittra bl-avukat. Wara diskussjoni sar qbil li f'isem il-Kunsill jattendu l-Perit responsabbli mill-proġett u l-Avukat Dr Chris Said. Is-Sindku informa wkoll li kitbulna mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jaraw f'hiex waslu x-xogħlijiet. Il-Kunsill irrisponda li x-xogħlijiet kienu weqfin, iżda wara li intbagħtet l-ittra bl-Avukat, ix-xogħol tkompla. Hu qal li s-Sibt ta' qabel, il-Perit tal-Kunsill iltaqa' mal-Perit tal-kuntrattur fejn iddiskutew.

## 32.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)

32.6.1 Is-Sindku Saviour Borg informa li fit-12 ta' Lulju 2021 saret l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-fond 189/190 Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, kif kien ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku informa wkoll li kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti, intbagħtet ukoll l-ittra lis-Sur M. Bajada mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn il-Kunsill reġa talab għall-iżgumbrament u d-devoluzzjoni tal-fond. Din intbagħtet permezz ta' *email* u ittra reġistrata. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kellu kuntatt miegħu darbtejn. L-ewwel darba s-Sur Bajada qallu li kien infurmat li l-persuna li qed tiżgombra dan il-



N.G. S.Borg

post bdiet tbattal xi affarijiet. It-tieni darba, s-Sur Bajada infurmah li l-ittra li bagħat il-Kunsill qegħda għand is-CEO u qed jistenna risposta mingħandu. Is-Sindku talab biex issir laqgħa mas-CEO tal-Awtorita' tal-Artijiet kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti fejn stieden lill-membri tal-Kunsill biex jattendu. Hu talab liż-żewġ kunsilliera tal-Partit Laburista fil-Gvern biex jagħmlu l-almu tagħhom u jgħinu f'din il-materja. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat din l-ittra. Is-Sur Horace Micallef wieġeb biex il-Kunsill jinforma lil-kunsilliera b'din il-laqgħa għax il-preżenza ta' kulħadd tgħin. Is-Sindku talab biex l-ittra li ntbagħtet lis-Sur M. Bajada mill-Awtorita' tal-Artijiet tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

## 32.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac f'parti minn Triq il-Għajn

32.7.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li kif kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill bagħat *email* lill-kuntrattur Gatt Tarmac. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara wkoll ir-risposta ta' Gatt Tarmac fejn ikkonferma li ma' ġeddidx il-garanzija bankarja. Rigward il-kuntrattur *Little Rock Quarry Limited* li se jagħmel ix-xogħlijiet tal-main tad-drenaġġ, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħtlu kemm il-darba minħabba il-*works programme* imma sa dakinhar kien għadu ma' bagħat xejn. Il-Kunsill Lokali ffirma l-kuntratt ma' dan il-kuntrattur f'Novembru li għadda. Is-Sindku qal li sa laqgħa oħra il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar dan ix-xogħol.

## 32.8 Risposta tal-Ministeru għal Għawdex dwar il-każ tal-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja

32.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva risposta tal-Ministeru għal Għawdex rigward il-każ tal-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja. Hu qal li l-ittra ntbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv lil Avukat Camilleri li hu l-avukat tal-Kunsill f'dan il-każ. Barra minnhekk fit-tweġiba ta' *Infrastructure Malta* lil Kunsill Lokali, qalu li r-responsabbilita' hija tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku talab biex isir kuntatt telefoniku mal-Avukat Camilleri. L-Avukat Camilleri qal li l-Ministeru għal Għawdex huwa żbaljat għax anke *Infrastracture Malta* qalet li t-toroq f'Għawdex huma fir-responsabbilita' tal-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li fil-fehma tiegħu hemm żewġ affarijiet x'isiru: tintbagħat replika lil

Ministeru għal Għawdex fejn jingħad li qed jgħidu kontradizzjoni; u l-Kunsill jibgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jinfurmah b'dan kollu. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li fil-fehma tiegħu qabel ma' niktbu bl-Avukat, nibgħatu lil Ministeru għal Għawdex u jaraw jistgħux jirranġawh. Hu qal li Kunsilli oħra hekk għamlu, li fejn kien hemm xi tip ta' periklu, talbu lil Ministeru għal Għawdex u dawn ta' l-aħħar irranġawh. Is-Sindku qal li diġa kienet intbagħtet korrispondenza lil Ministeru għal Għawdex dwar dan u lanqas ġiet imwieġba għalhekk il-Kunsill kellu jagħmel il-protest legali. Huwa qal li l-Kunsill għandu jwieġeb għal din ir-risposta u jekk hu l-obbligu tal-Ministeru għal Għawdex iridu jagħmluh. Il-Viċi Sindku qablet ma' dan. Hu fakkar li l-Kunsill hu organizzazzjoni governattiva għalhekk wieħed jistenna li jiġi mgħejjun. Huwa qal li jiddispjaċih li jara entitajiet privati fosthom il-knisja jiġu moqdija malajr minn flus il-poplu imbagħad il-Kunsill Lokali li hu parti mill-Gvern jingħata dawn ir-risposti. Huwa semma każ ieħor mitlub mill-Kunsill, ilna nitolbu biex titranġa il-kurduna tal-bankina fi Triq il-Għajn man-naħa tal-Knisja li taqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru żmien, sa issa għadu ma sar xejn minkejja li aktar minn xahar ilu l-Kunsill ġie nfurmat li dan ix-xogħol kien ġie approvat.* Il-Kunsill qabel li jqabbad l-Avukat Camilleri jieħu l-passi meħtieġa.

*Is-Sur Horace Micallef qal li għandna nitolbu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex imma ma kienx hemm bżonn peress li dawn ix-xogħlijiet huma obbligu tal-Ministeru li jwettaqhom.
S. Borg N.G.

## 32.9 Ir-Rapport finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar – Marzu 2021

32.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Marzu 2021. Dan ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 32.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

32.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li twaħħlu t-tabelli *Parking within the lines only* u *Cul de Sac* li kienet inqalgħet x'ħin saru x-xogħlijiet mill-Ministeru għal Għawdex, fi Triq Għajn Tuta.

32.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana li tgħid li billi l-Kommunita' qegħda mingħajr sala parrokkjali qed jitolbu s-Sala tal-Kommunita' tal-Kunsill Lokali biex issir attivita' soċjali *games night*



N.G. S.Borg

li tinkludi diversi logħob fuq *board games*. Din ser issir nhar it-Tlieta 31 ta' Awwissu mis-7.30pm sal-11.00pm. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill Lokali qabel li tingħata is-Sala tal-Komunita' bil-kundizzjoni li jiġu rispettati l-miżuri kollha tas-saħħa maħruġa mill-Awtoritrajiet tas-Saħħa, li titnaddaf wara l-attivita' u li ma' ssir l-ebda ħsara.

32.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mingħand is-Sa. C. Fenech mill-Awtorita' tal-Artijiet fejn qed tgħid li t-talba ta' devoluzzjoni tal-bankini fi Pjazza l-Għejjun, il-belveder fi Triq Għajn Tuta u s-sit tar-Replika ta' l-Għajn tal-Loġoġ ġiet approvata u issa qed jiġi ddraftjat il-*lease agreement.* Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex jintbagħat reminder.

32.10.4 Ċirkulari DLG 4/2021 – Servizz tal-Internet għall-*Live Streaming* tal-Laqgħat. Din iċ-ċikulari tgħid li l-kuntratt mal-GO dwar is-servizz tal-internet għal-*live streaming* li għandha d-Diviżjoni ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2021. La darba l-MITA installat servizz ġdid tal-*internet* fil-proċess li sar ta' aġġornament ta' konnessjoni ġdida u moderna, il-Kunsill għandu l-għażla li jew jibqa' mal-GO u jħallas l-ispejjeż hu jew li juża l-internet tal-MITA minħallas mill-fondi ċentrali. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill juża s-servizz ta' l-internet tal-MITA.

32.10.5 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Azzopardi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *ESF.04.079 – Visits to EU Municipalities.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.6 Ċirkulari DLG 5B/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.7 Direttiva DLG 4/2021 – Proġetti tal-ICT fil-Kunsilli. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-MITA taw żewġ *laptops* biex ikunu jistgħu jintużaw flok il-kompjuters. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.8 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Invit għal Webinar ta' Konsultazzjoni rigward ir-Riforma fil-Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.9 Korrispondenza mingħand is-Sur N. Attard, Direttur Ġenerali bis-suġġett Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Fontana. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li hu m'għadux

Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali b'effett mill-20 ta' Lulju 2021 minħabba l-fatt li beda jaħdem mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

32.10.10 Ċirkulari AKL 2021/073 Kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u knis fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.11 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Ebejer mill-ERA rigward il-Proġett *BELLUS* fejn il-Kunsill talab aktar informazzjoni x'għandu bżonn fuq il-proposta ta' tqegħid ta' qsari kbar madwar il-lokalita'. Is-Sindku wieġeb li wieħed irid jara fejn ser jitqiegħdu dawn il-qsari biex ma' jtellfux in-nies. Hu issuġġerixxa bħal fi Pjazza l-Għejjun. Hu fakkar li l-Kunsill għandu ċans japplika sa' l-aħħar ta' Settembru.

32.10.12 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward Invit – Laqgħa Plenarja – Reġjun Għawdex nhar l-Erbgħa, 4 ta' Awwissu, 2021 fis-6.00pm. Is-Sindku wieġeb li hu se jattendi.

32.10.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li attenda għal-laqgħa *online* bis-suġġett Kundizzjonijiet tax-xogħol f'Kumpaniji ta' proviżjoni ta' ġbir ta' skart. Hu qal li ingħataw informazzjoni dwar il-liġi li tirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali.

32.10.14 Korrispondenza mingħand il-*Planning Authority* fejn talbu aġġornament fuq il-proġett li hu finanzjat mid-DPF. Il-Kunsill informa li x-xogħol kien wieqaf għal diversi ġimgħat da parti tal-kuntrattur. Il-Kunsill Lokali ħa passi legali u bagħat ittra legali u ittra uffiċċjali lill-kuntrattur fejn żammu responsabbli ta' dan id-dewmien bla ġustifikazzjoni. Wara dawn l-ittri, fl-aħħar ġranet, il-kuntrattur kompla bix-xogħol. Is-Sur E. Cachia mill-PA wieġeb li jekk il-Kunsill jaħseb li x-xogħlijiet mhux se jkunu lesti sal-bidu ta' Jannar 2022, ikun aħjar jekk tintela l-formola għal estenzjoni taż-żmien.

32.10.15 Ċirkulari AKL 2021/072 – Stqarrija mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali – Ħlas mir-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku wieġeb li hu kontra l-liġi li wieħed imur iħallas b'aktar minn ħamsin munita ta' l-istess valur. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.16 Korrispondenza mill-*IPSOS European Public Affairs* bis-suġġett Aqsam l-opinjonijiet tiegħek dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea – *Share your views on the future of the European Union.* Il-Kunsill innota l-



N. C. S. Bog

kontenut.

32.10.17 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Aquilina bis-suġġett *INVITATION – Online Public Consultation Meeting on the Conservation Objectives & Measures For Malta's Marine Natura 2000 sites.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.18 Ċirkulari AKL 2021/071 – Teambuilding – AKL, Kunsill Reġjonali, Kunsilli Lokali u Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.19 Korrispondenza mingħand is-Sur T. Borg mid-Direttorat tal-*Lifelong Learning* bis-suġġett *EPALE Awards 2021 – Celebrate Adult Learning in Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.20 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li attenda għall-*online meeting* dwar is-servizzi li Servizzi Ewropej Malta toffri lil kunsilli lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.21 Korrispondenza mingħand is-Sur P. Micallef mill-*Water Services Corporation* bis-suġġett *Water Consumption Health Check.* Din il-korrispondenza tgħid li fil-ġimgħat li ġejjin rappreżentanti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser ikunu qegħdin iduru d-djar Maltin u Għawdxin biex jiġbru informazzjoni dwar il-konsum tal-ilma. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.22 Korrispondenza mingħand id-Direttur C. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jinnota li dwar il-ħlasijiet tal-ġbir tal-borża riċiklabbli u dik tal-ħġieġ il-Kunsill hu mitlub sabiex iżomm kont tal-ispejjeż kollha relatati u matul Settembru jintbagħtu, sabiex id-Dipartiment jara jekk hux fil-pożizzjoni li jassisti.

32.10.23 Ċirkulari AKL 2021/070 – Kwestjonarju – Proġett Compose+. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.24 Korrispondenza mingħand is-Sur S. Flores mil-LESA fejn wara korrispondenza li ntbagħtet mill-Kunsill minħabba l-fatt li l-Kunsill ma' kkwalifikax mill-iskema li ħarġet, is-Sur Flores irrisponda L-Iskema mill-Fondi tal-Aġenzija LESA hija maħsuba sabiex isiru proġetti, skont il-linji gwida ppublikati mal-ħruġ tal-iskema, u liema linji gwida huma maqbula bejn Il-Ministru u l-Agenzija, flimkien mal-



N.C. S.Borg

Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dawn sabiex eżempju minflok Kunsill zgħir jingħata ftit euros, kull Kunsill ikollu opportunita' li jwettaq proġett ta' ċertu portata (Aġenzja qed toffri sa massimu ta' €80,000). Hu kompla billi qal li l-iskema ser terga titħabbar fil-futur qarib, u li għaliha ser ikunu eliġibbli biss dawk il-Kunsilli li ma bbenefikawx fl-ewwel sejħa, bil-ħsieb li kullħadd jingħata opportunita'. Is-Sindku wieġeb li kien ikun aktar ġust li kieku l-fondi kienu disponibbli għal kull Kunsill imbagħad jiddependi minnhu jekk jagħmlux użu minnhom. Hu qal li minn 19-il Kunsill li kkwalifikaw, 18-il wieħed minnhom kienu tal-Partit Laburista u wieħed tal-Partit Nazzjonalista, kif ukoll ir-Reġjun t'Għawdex. L-Aġenzija LESA qegħda madwar Malta u Għawdex kollu, allura kull kunsill għandu jibbenefika minn dawn it-tlett miljun Ewro fuq tlett snin, miljun fis-sena. Kien hemm qbil li tintbagħat risposta għal din l-email.

32.10.25 Ċirkolari AKL 2021/069 EMW – *Small Activities Competition*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.26 Kjarifika mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward is-servizz tal-Internet għall-istreaming tal-Laqgħat. Kif ġa ġie diskuss qabel waqt il-laqgħa l-Kunsill iddeċieda li jkollu l-internet mal-MITA. Kien hemm qbil li jiġi nfurmat il-kuntrattur.

32.10.27 Korrispondenza mingħand is-Sa. E. M. Colacino mill-*Policy Development and Programme Implementation Directorate* bis-suġġett *Life Call 2021 – Interest of Portuguese organisation in joining an European consortium.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.28 Kif kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti, inġabu tlett kwotazzjonijiet ta' boroż griżi. L-irħas stima għall-elf roll kien ta' €520 mingħand GreenPak. Il-Kunsill qabel biex jinxtraw mingħand l-irħas *supplier*.

32.10.29 Korrispondenza mill-Bank Ċentrali bis-suġġett *Central Bank's Scheme*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.30 Direttiva DLG 5/2021 – Proċedura dwar sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali. Din irċivejniha jumejn ilu (fit-28 ta' Lulju 2021), peress li qabel ħarġu dawn id-direttivi ġodda l-proċess ta' ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv kien miżmum.

32.10.31 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern



N. C. S. Borg

Lokali bis-suġġett *ATTN: Guidance on the 1st LIFE Call for Proposals 2021 opened with over EUR 580 million available to help realise your project ideas.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.32 Korrispondenza mingħand l-ERA li tgħid li s-sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill Lokali tal-Fontana rigward il-ġabra tal-borża riċiklabbli u tal-ħġieġ u l-*bring-in sites* ser tiġi diskussa internament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kellu telefonata mingħand ċertu wieħed L. Grech mill- ERA fejn informah li s-sena li għaddiet meta qamet din il-problema l-ERA ħadet azzjoni mill-ewwel u ressqet lill-iskema quddiem it-tribunal. L-iskema appellat mid-deċiżjoni u sa llum il-ġurnata għad m'hemmx deċiżjoni. Is-Sindku qajjem il-punt li jekk isiru l-*bring-in sites* fi Triq Mons. Buttigieg, min se jħallas għalihom u biex jitbattlu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa bagħat din il-mistoqsija lil ERA imma sa dakinhar kien għadu mingħajr risposta.

32.10.33 Korrispondenza mingħand is-Sur C. Bonnici mill-OASI rigward il-kontribut li tista' tagħti l-OASI lil-Kunsilli f'dak illi jirrigwardja *healthy way of living* imma ukoll informazzjoni u għarfien fuq l-vizju u l-abbuż tas-sustanzi. Il-Kunsill qabel li jista' joffri is-sala' tal-komunita' biex isiru id-diskussjonijiet.

32.10.34 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Carbonaro mill-*Human Rights Directorate* bis-suġġett *Equality for All in Malta Project – Request for a meeting*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.35 Risposta tal-AKL għaċ-Ċirkolari li ħareġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-proċess ta' konsultazzjoni ma' stakeholders rigward il-Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.36 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *Collection of Palm Fonds by MAFA.* Is-Sindku wieġeb li hemm waħda fil-Wied tax-Xlendi u oħra fil-*playingfield.*

32.10.37 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Proposti għall-Baġit 2022. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jibgħat proposta biex tiżdied l-allokazzjoni tal-flus għall-kunsilli lokali ż-żgħar bħalma ntbagħtet fis-snin l-imgħoddija.

32.10.38 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Skema Reġjonali –

Libreriji fil-Lokalita' 2021. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li fl-iskema hemm miktub li dawn il-kunsilli lokali li mistennija jkollhom il-Librerija tal-Lokalita' fil-futur, u li għaldaqstant jagħżlu li ma jibbenefikawx għalissa minn din l-iskema għandhom jinfurmaw b'dan lir-Reġjun Għawdex. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jinforma lir-Reġjun Għawdex dwar dan.

32.10.39 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Pożizzjoni – *Summer Break Time – Gozo Tourist Area.* Is-Sindku wieġeb li l-lokalita' tagħna m'għandhiex bajjiet.

32.10.40 UPM Ċirkolari Nru 09/2021 bis-suġġett *Remote Working Policy* – pass kbir 'il quddiem fil-mod kif naħdmu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.41 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Callus mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett Kompetizzjoni tat-Tpinġija – Kwalita' tal-Ħajja. L-Aġent Segretarju Eżkeuttiv informa li din l-informazzjoni ittellgħet fuq il-paġna uffiċċjali ta' *Facebook* tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.42 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Camilleri mill-Ministeru għal Għawdex bis-suġġett *Roadworks Update*. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jerġa' jibgħat biex issir il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-kuntrattur biex ikun jista' jibda x-xogħol fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

32.10.43 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Gatt mill-Universita' ta' Malta bis-suġġett *Street trees in urban areas: a CPD event*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.44 Korrispondenza mingħand is-Sa. E. M. Colacino mill-*Policy Development and Programme Implementation Directorate* bis-suġġett *Life Programme – 2021 Application Calls Launched!.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.45 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Invitation: Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficing in Persons 30th July 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.46 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment tal-

Gvern Lokali bis-suġġett Implimentazzjoni tal-Inizzjattiva tal-WIFI4EU. Din il-korrispondenza tgħid li l-espressjoni ta' interess ta' dan il-proġett għalqet fit-18 ta' Ġunju 2021 u l-operaturi ġew magħżula. Fi żmien qarib il-Kunsilli se jkunu nfurmati min ser ikun l-operatur biex jiġu pproponuti s-siti fejn l-*access points* jistgħu jitwaħħlu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.47 Korrispondenza mingħand il-WasteServ Malta bis-suġġett Sħarriġ Online. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill iwieġeb għal dan l-istħarriġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.48 Ċirkulari AKL 2021/069 – EMW – *Small Activities Competition*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.49 Ċirkulari AKL 2021/063 – *Supporting individuals with disability – Mentor Aid Session 14/07/2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.50 Ċirkulari AKL 2021/068 – AKL Summer BBQ 06/08/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.51 Ċirkulari AKL 2021/067 – *Online Seminar: Women in Local Government – Can Mentoring make a difference – 28 July and 29 July*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.52 Korrispondenza mingħand is-Sa. E. De Lucca mill-NGO *Voice for Children and Young People – Malta*. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jiktbilhom lura. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.53 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' riżenja ta' l-iskrivan *part time* tal-Kunsill data 10 ta' Lulju 2021. Huwa qal li r-raġuni wara din id-deċiżjoni hija x-xewqa li jsegwi aktar studji u jtejjeb il-kwalifiki tiegħu biex ikun jista' jkollu opportunitajiet aħjar ta' xogħol. Huwa qal li jinsab tassew grat għal din l-opportunita' sabiħa li ġie mogħti biex jaqdi f'dan il-kunsill għal madwar ħames xhur. Hu qal li tassew kienet esperjenza unika li għenitu jkompli jitgħallem u jimmatura. Ta' dan kollu jixtieq jirringrazzja lill-kunsill kollu tal-fiduċja u l-gwida tagħhom. Skond il-kuntratt huwa għandu *notice* ta' tlett xhur. Is-Sindku ppropona biex nistaqsu lill-iskrivan jekk jistax jidħol nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel. Huwa qal li dan kien l-aħjar skrivan li kellu l-kunsill għax hu dedikat biex iwettaq ix-xogħol mogħti lilu u ta' rispett kbir. Hu qal ukoll biex jekk jista' l-Kunsill ma' jerġax joħroġ sejħa

oħra imma imur fuq l-applikanti kif ġew fir-riżultat ta' l-intervista biex ma' jintelifx ħin, peress li ż-żmien hu limitat. Dan għandu jiġi konfermat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil.

32.10.54 Direttiva DLG 3/2021 – *Per Diem* Applikabbli għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.55 Ċirkulari AKL 2021/065 – *European Mobility Week – Webinar 05/07/21 – Presentation.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.56 Korrispondenza mill-*Happy Parenting Malta* (For Happier Children) bis-suġġett Tistieden liż-Żgħażagħ għal inizjattivi u Kompetizzjonijiet bi Premji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.57 Korrispondenza mingħand is-Sa. C. Cassar mill-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli bis-suġġett *Confirmation: Installation of Charging Pillars in your locality.* Din il-korrispondenza tgħid li kienu diversi l-aspetti li ġew ikkunsidrati għall-għażla finali. Il-Ministeru kellu numru limitat ta' biss 130 *charging pillars* għal dan il-proġett li kellhom jitqassmu ma' iktar minn 70 lokalita' u żoni industrijali madwar Malta u Għawdex. Il-korrispondenza tkompli tgħid li l-Ministeru qed iħares il quddiem biex fis-snin li ġejjin jkollu numri u baġit akbar allokat għall-infrastruttura elettrika f'pajjiżna u għalhekk jkunu jistgħu jilqgħu t-talba tal-Kunsill.

32.10.58 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Mercieca mid-Dipartiment tal-Kultura bis-suġġett Wirja Viżiva *On the Road.* Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai se jattendi għal din il-laqgħa billi jaqgħa taħt id-dekasteru tiegħu.

32.10.59 Ċirkulari AKL 2021/066 *Information Sessions for Local Councils – SEM.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.60 Ċirkulari AKL 2021/065 *EuropeanMobilityWeek 2021 – Competitions.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.61 Ċirkulari AKL 2021/064 *Important Update: Re: Notice: Availability of the vaccine to asylum seekers and third country nationals.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.62 Korrispondenza mis-Sur L. Attard mill-*Gozo Regional Committee* bis-



N. C. S. Borg

suġġett *Collaboration Protocol: National Capitalisation of finMED Tools.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.63 Ċirkulari DLG 5A/2021 bis-suġġett Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.64 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *ATTN: Science meets Regions – Launch of First Call for Expression of Interest – Deadline 17th September 2021.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

32.10.65 Korrispondenza mill-*Planning Authority* rigward Applikazzjonijiet Nru PA/04694/21 li tinsab f'tarf Triq Wied Siekel Ġiet diskussa din l-applikazzjoni u sar qbil li jitqabbad il-Perit Toni Bezzina għalhekk sar kuntatt telefoniku. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-lokazzjoni ta' din l-applikazzjoni u dan ġie konfermat mill-Perit Bezzina li d-deskrizzjoni tal-lokazzjoni ta' din l-applikazzjoni trid tiġi Triq Wied Siekel ma' Sqaq fi Triq il-Għajn. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk hemm hux *Design Priority Area.* Hu qal ukoll li importanti niċċekkjaw l-faċċata f'liema triq qegħda. Wara diskussjoni dwar diversi punti mill-membri preżenti kien hemm qbil li l-Perit Bezzina f'isem il-Kunsill idaħħal il-kummenti tiegħu fuq din l-applikazzjoni ta' żvilupp. Korrispondenza mill-*Planning Authority* rigward Applikazzjonijiet Nru RG/06060/20; RG/00610/21; u PA/00555/21. Dwar l-applikazzjoni nru PA/00555/21, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qatt ma rċevejna din l-applikazzjoni mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 32.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

32.11.1 Is-Sur Jonathan Cefai staqsa jekk fil-kantuniera fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili ma' Triq il-Għajn jistgħu isiru xi tip ta' ħadid biex jilqa' l-periklu tal-karozzi. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan ma jistax isir.

## 32.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

31.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25/2021 għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2021 u t-30 ta' Lulju 2021 li tammonta għal €11,707.67 ġiet



N.C. S.Borg

approvata u ffirmata.

## 32.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu bejn il-membri ġiet aġġornata għat-Tlieta, 31 ta' Awwissu 2021 fit-3.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 31 ta' Awwissu 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Fontana Local Council

Lis-Sur Martin Bajada
*Chief Officer – Inspectorate, Enforcement & Compliance*
Awtorita' tal-Artijiet
Auberge de Baviere
Triq San Sebastjan
Valletta,
Malta

15 ta' Lulju 2021

Sur Bajada,

Il-Kunsill Lokali qed jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet *Anthony Cassar vs Kummissarju tal-Artijiet,* liema kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2021. B'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat l-iżgumbrament li kien ħareġ il-Kummissarju tal-Artijiet kontra Anthony Cassar sabiex dan jiżgombra mill-fond 189,190 Triq tal-Għajn kantuniera ma' Triq Ta' Mulejja, Fontana, Għawdex. Sa llum il-ġurnata din il-persuna li tilfet il-kawża bl-appell b'kollox għadha tokkupa dan il-fond, biex iżomm erba' tiġiġiet, u bi sfida ta' l-awtoritajiet tant li meta l-Kunsill kitiblu fuq talba tiegħek biex jiltaqa' miegħek dwar l-iżgumbrament, dan injora din l-ittra, bil-konsegwenza li din il-laqgħa baqgħet ma' saritx. Din l-art hi tant bżonnjuża għall-Kunsill u r-residenti tal-Fontana. Sallum il-Kunsill għadu qed jagħti s-servizzi tiegħu minn kamra ta' tlett metri b'erba' metri. Din l-art kienet ġiet esproprijata għal skop pubbliku f'Ġunju 1970. Barra minnhekk x'ħin issir id-devoluzzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet, il-Kunsill ser ikun iħallas somma sostanzjali ta' kull sena, ta' dan il-fond, meta bħalissa ma' hi qed iddaħħal xejn.

Għalhekk, mehmuża ma' din l-ittra għandek issib il-minuti tal-laqgħa u l-mozzjoni mressqa mis-Sindku Saviour Borg u approvata unanimament fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-30 ta' Marzu 2021 fejn qed jitlob għall-iżgumbrament u għad-devoluzzjoni ta' dan il-fond biex ikun jista' jkompli l-bini tal-aħħar parti taċ-Ċentru Ċiviku u li jikkonsisti fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill u l-bejt spazju miftuħ li jkompli jgħaqqad iz-zuntier mal-*playingfield* għal-ġid tar-residenti tal-Fontana u kull min jagħmel użu minnhu. Għandek issib ukoll mehmuż il-minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Nru 30 li saret fil-31 ta' Mejju fejn il-Kunsill reġa kkonferma dan kollu, dan wara ntbgħatet l-ittra lill-okkupant biex jiltaqa' miegħek u minn



S.Borg N.G.

dan ma' rriżulta xejn; kif ukoll ritratti tal-fond 189, 190 li qiegħed fiċ-ċentru tal-lokalita'.

Il-Kunsill Lokali qed ġentilment jitlob lil Awtorita' tal-Artijiet biex twettaq l-iżgumbrament ta' din il-persuna mill-aktar fis possibli, biex b'hekk dan il-fond ikun jista' jiġi devolut lil Kunsill Lokali li fl-aħħar mill-aħħar hu awtorita' governattiva, dan ukoll kif mitlub mill-istess Awtorita' tal-Artijiet permezz ta' l-ittra mibgħuta mis-Sur Jurgen Spiteri, *Senior Administration Officer* fl-Awtorita' tal-Artijiet, nhar is-6 ta' Mejju 2021, ittra mehmuża. Il-Kunsill Lokali ssottometta l-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond kif inhi l-proċedura ta' l-istess Dipartiment fl-24 ta' Mejju 2021. Peress li l-Kunsill ġie infurmat mill-istess Dipartiment fit-8 ta' Ġunju 2021 li ġew introdotti proċeduri ġodda, il-Kunsill ġie mitlub jerġa jitfa' applikazzjoni ġdida għad-devoluzzjoni, li din saret fit-12 ta' Lulju 2021 skond il-*policy* il-ġdida.

Tislijiet,

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv



S. Borg N.G.

mitlub mill-Perit tal-Kunsill qabel beda dan ix-xogħol.

## 28.7 Sitwazzjoni tal-belvedere ta' Triq ta' Mulejja

28.7.1 Is-Sindku qal li kif kien hemm qbil, ġie miktub il-protest ġudizzjarju mill-Avukat Camilleri. Qabel ma jiġi ppreżentat il-Qorti t'Għawdex, is-Sindku talab biex jinqara biex kulħadd ikun jaf x'fih u jekk jaqblux miegħu. Is-Sur Horace Micallef qajjem il-punt li sa fejn jaf hu l-Perit Shawn Micallef tqabbad mill-Pulizija u mhux mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku talab biex isir kuntatt mal-Avukat Dr Noel Camilleri biex jivverifika. Wara kuntatt telefoniku li sar mal-Avukat u wara li ġie ċċekkjat ir-rapport ta' l-istess Perit, kien jidher ċar li l-Perit Shawn Micallef ġie mqabbad mill-Pulizija. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex jittranġa din il-parti fil-protest ġudizzjarju u jiġi ppreżentat il-Qorti.

## 28.8 Ħruġ ta' Offerti

28.8.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn li toħroġ l-offerta għal-*Accountant* tal-Kunsill minħabba l-fatt li din se tagħlaq f'Mejju li ġej. Hu qal ukoll li issa la darba s-Segretarju Eżekuttiv huwa full-time u għanda skrivan part-time, l-*inputting* fis-*sage* jista' jsir min-naħħa tiegħu. Hekk il-Kunsill jiffranka xi ħaġa tal-flus. Is-Sindku qal li s-Segretarju tgħallem u se jibda' jagħmilhom hu. Kien hemm qbil li toħroġ din l-offerta.

28.8.2 Rigward is-servizz tal-*bulky refuse*, is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux joħroġ offerta jew jibqa' għaddej kif inhu. Is-Sindku staqsa xi prezzijiet qed jintefgħu dan l-aħħar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn jaf hu l-prezzijiet qed ikunu ogħla, imma dejjem x'skond kif toħroġ l-offerta. Is-Sindku qal li f'sena l-Kunsill jonfoq madwar €2000 f'servizz ta' ġbir ta' *bulky refuse*. Is-Sur Horace Micallef staqsa kemm jonfoq il-Kunsill fix-xahar bejn wieħed u ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill f'xahar jonfoq madwar €165. Kien hemm qbil li għalissa tibqa' pendenti u ma tinħariġx l-offerta.

## 28.9 Mozzjonijiet

28.9.1 Is-Sindku Saviour Borg ressaq mozzjoni, ssekondata mis-Sur Carmel Farrugia:



N.G. S.Borg S.Borg N.G.

Wara li fis-17 ta' dan ix-xahar il-Qorti tal-Appell tagħat is-sentenza dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja fejn il-Kunsill Lokali tal-Fontana kien intervjena fil-kawża "Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet", illum l-Awtorita' tal-Artijiet. Peress li l-appellant is-Sur Anthony Cassar tilef il-kawża bl-ispejjeż b'kollox, il-Kunsill għandu jitlob lil-Awtorita' tal-Artijiet biex terġa tiġi attivata kemm jista' jkun malajr l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' dan il-fond li kienet saret lid-Dipartiment tal-Artijiet, illum l-Awtorita' tal-Artijiet biex jkun jista' jkompli il-bini tal-aħħar parti taċ-Ċentru Ċiviku, u li jikkonsisti fil-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill u l-bejt spazju miftuħ li jkompli jaqqgħad iz-zuntier mal-"Playingfield" għal-ġid tar-residenti tal-Fontana u kull min jagħmel użu minnhu.

Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq din il-mozzjoni. Is-Sur Horace Micallef qal li kieku hu jagħmel emenda żgħira u jdaħħal biex il-Kunsill jitlob biex il-persuna tiġi żgumbrata mill-aktar fis possibbli. Is-Sindku qal biex ninfurmaw lil Avukat x'irid isir biex din is-sentenza tiġi nfurzata u staqsa mistoqsija li jekk dan ma joħroġx, jiġi disprezz tal-Qorti jew qed jistenna li tintbagħtlu xi ittra imbagħad imexxu. Is-Sindku qal li dawn kienu jibgħatulu għall-flus u imbagħad ma' jaċċettawhomx. Is-Sindku talab ukoll biex din is-sentenza tiġi mehmuza ma' dawn il-minuti. Is-Sindku talab biex isir kuntatt telefoniku ma' l-Avukat Dr Jean Paul Grech biex jara eżatt x'inhi l-proċedura biex din il-persuna toħroġ minn hemm. Dr Grech qal li l-Awtorita' tal-Artijiet għandha tieħu azzjoni abbażi tas-sentenza li ngħatat biex jiġi żgumbrat għax l-mandat ta' inibizzjoni li kienet għamel is-Sur Cassar tilef l-effett tiegħu. Is-Sindku Saviour Borg staqsa jekk l-Awtorita' tal-Artijiet ma' jmexxux u din il-persuna tibqa' hemm, dan ikun disprezz tal-Qorti? L-Avukat wieġeb li le, hija kwistjoni li tiġi esegwita s-sentenza. L-Avukat qal li ma' jistax isir mandat ta' żgumbrament minħabba l-fatt li m'hemmx devoluzzjoni. L-Avukat issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' tal-Artijiet biex jittieħdu l-passi meħtieġa skond is-sentenza u imbagħad issir it-talba għad-devoluzzjoni. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex l-Avukat jikteb lill-Awtorita' tal-Artijiet.

**28.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

28.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu komunikazzjoni mad-Direttur



N.G. S.Borg
S.Borg N.G.

dan ix-xogħol. Dawn ix-xogħlijiet ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex, li skond il-Perit ta' l-istess kuntrattur, ġie avviċinat mill-Parroċċa biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill, b'sinjal ta' rieda tajba ma' kien sab l-ebda l-oġġezzjoni li jsir dan sakemm ma' jkunx hemm dewmien bla bżonn, minħabba l-fatt li l-Kunsill hu marbut b'kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex dan il-proġett isir matul din is-sena. Il-membri qablu b'mod unanimu biex il-Kunsill Lokali ġentilment jiġbed l-attenzjoni tal-Parroċċa biex tara li l-Ministeru għal Għawdex jagħmel dan x-xogħol ta' culvert u bdil tas-servizz tad-drenaġġ u l-main tal-ilma. Dan għar-raġuni li l-Kunsill ma' jistax ikompli x-xogħlijiet qabel jitwettaq dan ix-xogħol. Dan id-dewmien qed joħloq inkonvenjent kemm għar-residenti kif ukoll għall-istess Parroċċa. Diġa għaddew ħames xhur mill-bidu tal-kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sur Horace Micallef staqsa x'xogħol jmiss issa, hux il-parti ta' ħdejn is-Sangristija. Is-Sindku wieġeb li iva imma qabel irid isir ix-xogħol tal-culvert. Mill-email tal-Perit Camilleri, informa li dawk ix-xogħlijiet mitluba mill-parroċċa li ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex ġew approvati. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn tinkiteb ittra bl-Avukat lill-kuntrattur biex ikompli x-xogħol peress li diġa' għaddew madwar ġimgħtejn mis-17 ta' Mejju, minn meta ngħatat il-*clearance* mill-SCH. Dan ġie konfermat mis-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li nistgħu niktbulu b'Dr Chris Said, li l-Kunsill diġa uża s-servizzi tiegħu f'dan il-proġett. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li nagħtu żmien sa' l-10 ta' Ġunju 2021 biex jitkompla x-xogħol. Jekk ma' jsir xejn kif kien maqbul jittieħdu passi permezz ta' ittra legali.

**30.6 Tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku (Devoluzzjoni u żgumbrar tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja)**

30.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li rigward id-devoluzzjoni tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, l-Awtorita' tal-Artijiet kitbet lil Kunsill permezz tas-Sur Jurgen Spiteri, *Senior Administration Officer,* fejn talab lill-Kunsill biex jitlob għad-devoluzzjoni tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq ta' Mulejja u din it-talba għad-devoluzzjoni ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif inhuma l-proċeduri. Xi għaxart ijiem ilu, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew avviċinati miċ-*Chief Officer – Inspectorate, Enforcement & Compliance,* fi ħdan l-Awtorita' tal-Artijiet biex il-Kunsill jibagħat ittra lil-persuna (Dok B) li qed jokkupa l-fond biex dan l-uffiċċjal jiltaqa' miegħu l-Ġimgħa 28 ta' Mejju biex ikellmu u



N.G. S.Boy

S.Boy. N.G.

jinfurmah li jekk mhux se joħroġ mill-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn bil-kelma t-tajba, għax jekk ser jiġu minn Malta biex jiżgumbrawh ser jkun hemm spejjeż ta' madwar tlett elef Euro oħra. Din l-ittra reġistrata, l-okkupant irċeviha s-Sibt, 22 ta' Mejju. Billi l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mingħand l-okkupant, ġie infurmat dan l-uffiċċjal għoli kif mitlub. Is-Sindku talab li tinqara din l-ittra u tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sindku ppropona li l-mozzjoni mressqa minnhu u approvata unanimament fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-30 ta' Marzu 2021 biex din tintbagħat lil dan l-uffiċċjal. Waqt diskussjoni li saret, is-Sindku qal li qegħdin f'sitwazzjoni fejn persuna li tilfet il-kawża bl-appell b'kollox kompliet tokkupa dan il-fond nofshu mwaqqa biex iżżomm erba' tiġiġiet mingħajr ebda titlu u ħlas. Art li hi tant bżonnjuża għall-Kunsill u r-residenti tal-Fontana. Sallum il-Kunsill għadu qed jagħti is-servizzi tiegħu minn kamra ta' tlett metri b'erba' metri. Din l-art kienet ġiet espropprijata għal skop pubbliku f'Ġunju 1970 fejn peress li fil-lokalita' ma' għandniex pjazza, permezz ta' *town planning* is-saqaf ta' dan il-fond u tal-fond 191 fi Triq il-Għajn flimkien mal-*playingfield* li diġa twettqu kellu jinħoloq spazju miftuħ madwar il-knisja parrokkjali. Barra minnhekk x'ħin issir id-devoluzzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet, il-Kunsill ser ikun iħallas somma sostanzjali ta' kull sena, ta' dan il-fond, meta bħalissa ma' hi qed iddaħħal xejn. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra b'din il-mozzjoni approvata b'mod unanimu mill-Kunsill inklużi l-minuti tal-Kunsill lis-Sur Martin Bajada biex issir ġustizzja mal-Kunsill li tant ħadem u għamel spejjeż biex intrebħet din il-kawża wara sittax-il sena tant li x-xhieda tas-Sindku kienet ikkwotata diversi drabi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha kif ukoll għar-residenti tal-Fontana biex ikun jista' jkompli l-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku wara tant snin il-Qorti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn, il-Kunsill jitlob biex issir laqgħa mas-CEO u maċ-*Chairman* tal-Awtorita' tal-Artijiet.

**30.7 Aġġornament fuq ix-xogħlijiet tal-main u servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn u l-offerta tat-tarmac f'parti minn Triq il-Għajn**

30.7.1 Is-Sindku qal li rigward ix-xogħol tal-mejn tad-drenaġġ, il-kuntrattur għadu ma bagħatx il-*works programme* minkejja li għaddew diversi xhur. Issa tfaċċat problema aktar gravi li l-kuntrattur Gatt Tarmac ma' ġeddidx il-garanzija bankarja dwar ix-xogħol tal-bdil tas-servizzi tal-ilma u tqaxxir u l-kisi mill-ġdid bit-tarmak. Il-ġimgħa ta' qabel hu



N.C. S.Boġ S.Boġ N.C.

**LANDS**
Authority

**Date: 6/5/2021**

**Land File No: L/30/2002**

Mr. Saviour Borg - Mayor,
Fontana Local Council,
Multipurpose Room,
L-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku,
Triq ta' Mulejja,
Fontana,
FNT 1110.

**Request for Consent of the Lands Authority to Submit a Development Permission Application in Terms of Article 71 (5) Of Chapter 552 of the Laws of Malta.**

| | |
|---|---|
| Application no: | GOV1/2020/0477 |
| Location: | 190, 191, Triq tal-Għajn c/w Triq ta' Mulejja, Fontana. |
| Proposal: | To demolish existing building and to construct the remaining part of Fontana Local Council office building at ground floor level and public open space above, as per attached stamped and signed site plan and drawings. |

With refence to your application, to submit a Development Permission Application with the Planning Authority, the Lands Authority has assessed and decided upon the request as follows:

**Decision: GRANT CONSENT**

**This letter of consent is being issued for the sole purpose of allowing the submission of a Development Permission Application in Terms of Article 71 (5) Of Chapter 552 of the Laws of Malta only.**

This consent is being granted under the following conditions:

a) ***Once the permit (PA/2654/20) has already been approved, the consent to submit an application is by now irrelevant. The Fontana Local Council has now to submit a request for devolution of the site through the LC1 application.***
b) *All documents submitted with the application were complete, correct, accurate and true;*
c) *The proposed development does not run counter to conditions contained in the concession;*
d) *No third party rights are being infringed by the proposed development;*
e) *It shall not confer any rights over the Government property, which were not previously vested;*
f) *The Lands Authority is in no way to be held responsible for any expenses incurred in seeking the Planning Authority's approval;*

In terms of Article 57 of the Lands Authority Act (Cap.563), any person aggrieved by any decision of the Authority, with the exception of decisions related to cases, which fall under the competence of the Land Arbitration Board, has the right to appeal to the Administrative Review Tribunal within twenty days from the receipt of the Authority's decision.

Jurgen Spiteri – Senior Administration Officer
f/Lands Authority

Address:
Telephone:
E-mail:
www.landsauthority.org.mt

S. Borg N.L.

## Fontana Local Council at Local Councils

**From:** Cassar Josianne at Local Government
**Sent:** 08 June 2021 15:04
**To:** Valletta Local Council at Local Councils; Mdina Local Council at Local Councils; Birgu Local Council at Local Councils; Isla Local Council at Local Councils; Cospicua Local Council at Local Councils; Qormi Local Council at Local Councils; Zebbug Malta Local Council at Local Councils; Zabbar Local Council at Local Councils; Siggiewi Local Council at Local Councils; Zejtun Local Council at Local Councils; Rabat Gozo Local Council at Local Councils; Attard Local Council at Local Councils; Balzan Local Council at Local Councils; Birkirkara Local Council at Local Councils; Birzebbuga Local Council at Local Councils; Dingli Local Council at Local Councils; Fgura Local Council at Local Councils; Floriana Local Council at Local Councils; Fontana Local Council at Local Councils; Gudja Local Council at Local Councils; Gzira Local Council at Local Councils; Ghajnsielem Local Council at Local Councils; Gharb Local Council at Local Councils; Gharghur Local Council at Local Councils; Ghasri Local Council at Local Councils; Ghaxaq Local Council at Local Councils; Hamrun Local Council at Local Councils; Iklin Local Council at Local Councils; Kalkara Local Council at Local Councils; Kercem Local Council at Local Councils; Kirkop Local Council at Local Councils; Lija Local Council at Local Councils; Luqa Local Council at Local Councils; Marsa Local Council at Local Councils; Marsaskala Local Council at Local Councils; Marsaxlokk Local Council at Local Councils; Mellieha Local Council at Local Councils; Mgarr Local Council at Local Councils; Mosta Local Council at Local Councils; Mqabba Local Council at Local Councils; Msida Local Council at Local Councils; Munxar Local Council at Local Councils; Nadur Local Council at Local Councils; Naxxar Local Council at Local Councils; Paola Local Council at Local Councils; Pembroke Local Council at Local Councils; Pieta Local Council at Local Councils; Qala Local Council at Local Councils; Qrendi Local Council at Local Councils; Rabat Malta Local Council at Local Councils; Safi Local Council at Local Councils; San Giljan Local Council at Local Councils; San Gwann Local Council at Local Councils; San Lawrenz Local Council at Local Councils; San Pawl il-Bahar Local Council at Local Councils; Sannat Local Council at Local Councils; Santa Lucija Local Council at Local Councils; Santa Venera Local Council at Local Councils; Sliema Local Council at Local Councils; Swieqi Local Council at Local Councils; Ta Xbiex Local Council at Local Councils; Tarxien Local Council at Local Councils; Xaghra Local Council at Local Councils; Xewkija Local Council at Local Councils; Xghajra Local Council at Local Councils; Zebbug Gozo Local Council at Local Councils; Zurrieq Local Council at Local Councils; Mtarfa Local Council at Local Councils; Regjun Ghawdex at Local Councils; Regjun Tramuntana at Local Councils; Regjun Centrali at Local Councils; Regjun Xlokk at Local Councils; Regjun Nofsinhar at Local Councils; Agius Gabriella at Local Councils; Mallia Mark at Local Councils; Raggio Vella Christian Lawrence at Local Councils; Gellel Graziella at Local Councils; Hall Duncan at Local Councils; Camilleri Karen at Local Councils; Valletta Paula Marie at Local Councils; Testaferrata De Noto Stephanie J at Local Councils; Giorgino Ritienne at Local Councils; Falzon Anton at Local Councils; Attard Miriam at Local Councils; Mifsud Marica A at Local Councils; Farrugia Doriette at Local Councils; Attard Carmel at Local Councils; Mintoff Rosalie 1 at Local Councils; Tanti Shawn at Local Councils; Plumpton Cynthia at Local Councils; Agius Malcolm 2 at Local Councils; Galea Neville at Local Councils; Mascena Lara at Local Councils; Goodlip Claire at Local Councils; luciennehaber@gmail.com; Amatulli Depasquale Emily at Local Councils; Tanti Maria at Local Councils; Mifsud Attard Rita at Local Councils; Cutajar Fiona at Local Councils; Bugeja Daniel at Local Councils; Montfort Etienne at Local Councils; Caruana Elaine at Local Councils; Sagona Marianne V at Local Councils; Demicoli Antonia at Local Councils; Borg Pamela at Local Councils; Camilleri Karen at Local Councils; spiteri.audibert@gmail.com; Grech Josef at Local Councils; Marsaskala Local Council at Local Councils; Attard Carmel at Local Councils;



S. Borg N.C.

**To:** Debono Carmel at Local Councils; Dalli Cyprian Paul at Local Councils; Templeman Lorraine at Local Councils; Mizzi Fabian 1 at Local Councils; Vella Alan at Local Councils; Debrincat Ryan at Local Councils; Bugeja Sue Ellen at Local Councils; Gatt Paul at Local Councils; kurtscerri@gmail.com; Borg Kevin at Local Councils; kevinborgswieqi@gmail.com; Cauchi Simon at Local Councils; Cremona Lorne Joseph 1 at Local Councils; Falzon Christopher at Local Councils; Bonello Anthony at Local Councils; dorisbaldacchino@gmail.com; Spiteri Paul H at Local Councils; Guillaumier Kurt at Local Councils; Formosa Sarah at Local Councils; Strout Mariella at Local Councils; Curmi Jason at Local Councils; Baldacchino Maria Dolores at Local Councils; Mifsud Michael at Local Government; Attard Anthony at Local Councils; Tanti Vincent at Local Councils; Tonna Yasmine at Local Councils; Vella Emanuela at Local Councils; Attard Ivan at Local Councils; Attard Marion at Local Councils; Busuttil Ranier at Local Councils; Camilleri Odette at Local Councils; Cilia Mumford Josianne at Local Councils; Micallef Josette at Local Councils; Galea Jeanette at Local Councils; Refalo George at Local Councils; Abdilla George at Local Councils; Galea Antonella at Local Councils; Carabott Philip at Local Councils

**Cc:** APP at Local Government

**Subject:** Ċirkulari SPI.APP.6.2021 - Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjetà Pubblika (Devoluzzjoni)

**Attachments:** Cirkulari Nru SPI.APP.6.2021. Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni).pdf; Appendiċi I. POLICY DOCUMENT - Devoluzzjoni Lokali.pdf; Appendiċi II. Applikazzjoni għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta Pubblika.pdf

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Lill-Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Reġjonali

**Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni)**

Ġentilment qed nibgħat għall-attenzjoni tagħkom Ċirkulari Numru *SPI/APP/6/*2021, flimkien mal-*policy document* (Appendiċi I) u l-applikazzjoni (Appendiċi II).

Grazzi u tislijiet


Josianne Cassar
Officer in Scale 7
Strategy and Policy Implementation
Local Government Division

t +356 2205 2360 e josianne.c.cassar@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR NATIONAL HERITAGE, ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

DAR L-GĦAQDA (GOZO), CASTLE STREET,
IR-RABAT, GOZO, MALTA


Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail



S. Borg N.G.

S.Borg N.G.






S.Borg N.L.





S. Borg N.L.